# Festival Marittimu Isla 2009

Il-Kunsill Lokali Isla bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni, organizza Festival Marittimu, nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju 2009 bejn l-10.00 u l-16.00 fix-Xatt Juan B. Azopardo mill-Maċina sa' l-Ponta ta' l-Isla. Dan l-avveniment kien ippjanat sabiex juri attrazzjonijiet varji għall-interess tar-Residenti, Maltin u Turisti. Ġie maħtur Kumitat Eżekuttiv b'nies li għandhom esperjenzi varji u professjonali fil-qasam ta' festivals u s-settur marittimu.

Is-sindku Joseph Casha mexxa dan il-Kumitat flimkien mal-membri is-Sur Justin John Camilleri (Viċi-Sindku), is-Sur Arthur Perici (Segretarju Eżekuttiv), is-Sur Joe Abela, is-Sur Frankie Bonello, Dr. Joseph Borg, is-Sur Martin Morana, is-Sur Alan Pullicino, is-Sur Joe Scerri u is-Sur Victor Scerri. L-attrazzjonijiet kienu jinkludu diorama ta' l-*H.M. Naval Base*, inkluż replica ta' sottomarin u rikostruzzjoni ta' tarzna, il-Krejn massiv u li jiffunzjona tradizzjonalment magħruf bħala *il-Macina* iżarma l-arbli tal-bastimenti tal-qlugħ u Tarzna Tradizzjonali Maltija b'nies tas-snajja jeżebixxu x-xogħol tagħhom. L-għeruq taż-żmien Marittimu l-Isla reġgħu ngħataw il-ħajja billi iffukajna fuq preservar ta' tradizzjonijiet, kant folkloristu u esebizzjonijiet fost l-oħrajn. Dan il-Festival Marittimu kien immirat sabiex iqajjem kuxxjenza dwar l-irbit li hemm bejn il-belt ta' l-Isla u l-baħrin. Kien evidenti li kien hemm sens ta' nostalġija meta kien hemm nisa iduru jġorru ġwielaq bi produzzjoni lokali u esebizzjonijiet mis-sajjieda fejn urew irkapti differenti tas-sajd.

Waħda mill-ikbar attrazzjonijiet li kellna kienet dik tal-Maċina, b' repplika tal-krejn li kien jintuża' sabiex ineħħi l-arbli minn fuq il-bastimenti fi żmien il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, imbagħad iżjed tard il-bastimenti tan-Navy Ingliża li kellha din il-gżira bħala l-bażi tagħha fil-Mediterran. Attrazzjoni oħra kienet l-ixprunara, bastiment li kien jintuża' bħala mezz ta' trasport ta' merkanzija u passiġġieri fil-Mediterran. Barraminnhekk l-aċċenn kien fuq il-Purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina sabiex jiġi mfakkar it-8 ta' Settembru matul l-aħħar Tieni Gwerra Dinija meta ċediet l-Italja. L-istorja rikka tar-relazzjonijiet marittima ma' l-Istati Uniti ġiet murija wkoll f'dan il-Festival Marittmu permezz tal-membri tad-*Defence Attache Office* u *Marine Security Guard* mill-Ambaxxata Amerikana fejn ippreżentaw esebizzjoni bl-isem: *US – Malta Maritime Relations: Past and Present*.

Il-Forzi Armati ta' Malta permezz ta' Skwadra Marittima, għamlu esebizzjoni li kienet tinkludi *Swift Patrol Boat* li kienet stazzjonata l-Isla fl-1971. Il-lista tal-parteċipanti hija wisq twila u varjata sabiex toqgħod issemmihom. Huwa suffiċjenti li ssemmi n-numru ta' esebizzjonijiet fuq l-*HMS Illustrious* u l-Isla, Wirja Marittima mill-Kunsill Lokali ta' Holyhead (Wales), is-Senglean Juan B. Azopardo Fundatur tan-Navy Arġentina, Esebizzjoni t'Arti, kant u żfin folkloristiku mill-Menhir Qala *Folk Group* u s-Santa Marija *Accordian Band*. Wieħed seta' wkoll jammira l-pitturi minn artisti u wirja ta' xogħol miċ-ċeramisti. Il-Klabb tas-Senglea Regatta tella' esebizzjoni ta' Dgħajjes tat-Tliegħlaq Tradizzjonali. Kien hemm ukoll organizzati żjarat kulturali madwar diversi postijiet storiċi u knejjes fl-Isla b' servizz ta' gwidi

mill-*Institute of Tourism Studies*. L-Assoċċjazzjoni Malta TAMA Tnabar, *Sea Cadtes*, Xgħajra *Scouts Group, Msida Sea Scouts* u l-*Big Friend Guggen Music* taw spettaklu lill-vistitaturi permezz ta' Banda, *Group Marches* u Wirjiet.

Il-Festival Marittimu attira' eluf ta' nies ġewwa l-lokalita' tagħna. Bir-risultat sodisfaċenti miksub ta' dan l-avveniment, inkoraġġixxa lill-Kunsill u lill-Kumitat Eżekuttiv sabiex jimxu 'l quddiem b'avvenimenti kulturali oħra. Dan il-Festival iġġenera wkoll attivita' ekonomika kbira permezz tar-ristoranti u kioks li hemm matul ix-xatt.

Dan l-avveniment kulturali seta' jiġi mtella' permezz ta' l-għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Kunsill Lokali Isla u s-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubblika u Informazzjoni, kif ukoll mgħejun mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, MTA, Heritage Malta, Simonds Farsons Cisk plc, Cassar Ship Repair Ltd, Malta Shipyards, Grand Harbour Marina (Vittoriosa), Air Malta plc u CT Park Ltd.